**APPREZZAMENT**

# ROBERT MIFSUD BONNICI

Il-mewt ta' ROBERT MIFSUD BONNICI, li kif konna ħabbarna ġrat fil-15 ta' Diċembru li għadda, ħalliet fost il-membri sħabu tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* ċertu vojt li qajla jista' jimtela u vojt wisq akbar fost dawk kollha li kienu jafuh u jgħożżuh bħala kittieb ta' għamla soċjali, reliġjuża, storika u romantika — kittieb li minn żgħożitu sa ma għalaq għajnejh il-pinna qatt ma telaqha minn idejh.



Robert Mifsud Bonnici kellu f'demmu l-ħeġġa kbira tal-kitba bla mistrieħ, u fuq hekk ma għamilx għajb lil niesu ta' qablu li tagħhom baqa' jżomm il-wirt tal-kitba Maltija. L-isem ta' Klement, ta' Ċensu u Rikard Mifsud Bonnici, qraba tiegħu għadu jissemma għall-kitba tagħhom bil-Malti, sew ta' proża kemm ta' poeżija, fost dawn ta' min isemmi l-iktar lil Ċensu li ħallielna xhieda sabiħa tal-ħila tiegħu bil-ġabra ta' kliem Malti tekniku, frażjoloġiku u idjomatiku, li qed tidher 'l hawn u 'l hinn f'*Leħen il-Malti*. Barra minn dawn nistgħu nsemmu wkoll lill-mejjet Ġanni, missieru, u lil ħuh Ġużè, li għadu mimli bil-għomor, it-tnejn kittieba tajba ta' versi.

Ftit huma dawk in-nies li f'ħajjithom urew u baqgħu juru sa meta xjieħu ħeġġa u enerġija daqsu f'kull xogħol li għandu x'jaqsam ma' dmirhom jew ma' xi xogħol ieħor tal-moħħ, ta' kitba jew arti. Meta fi żmien il-gwerra l-kbira kellu l-inkarigu tal-proviżjonijiet għall-morda, xjuħ u rifuġjati f'Għawdex, barra middmirijiet ta' l-uffiċċju tiegħu li kien jaqdihom bl-akbar reqqa, huwa sewa ta' għajnuna mhux ftit biex bil-kelma tiegħu, flimkien ma' xi awtoritajiet, il-bdiewa jikkooperaw fil-provvista ta' qmuħ għall-popolazzjoni fi żmien meta l-ħażna tal-qamħ kienet skarsa.

Ħaġa tal-għaġeb kif dment li kien għadu jaħdem mal-Gvern, kemm ukoll wara, sakemm għalaq għajnejh, kellu l-ħila jlaħħaq ma' dik il-kitba kollha li nsibu msemmija fil-lista tal-pubblikazzjonijiet tiegħu. Fost dawn ta' min isemmi r-rumanz *Midinbin,* kotba fuq l-istorja tal-Baned ta' Malta u Għawdex, tal-Mużiċisti,

Kompożituri u Maestri di Cappella, u fuq kollox, id-Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali — l-aqwa xogħol tiegħu. Riedet tkun il-ħeġġa u s-sabar tiegħu biex qabel ma miet kellu l-ħila fl-aħħar snin ta' ħajtu jaħdmu u jtemmu.

Xogħol ieħor mhux inqas interessanti mid-Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku huwa l-*Katalogu Klassifikat Manuskritti* fil-Bibljoteka Rjali ta' Malta — xogħol ta' ħtieġa kbira għall-istudenti ta' l-istorja lokali, u li kien talab lill-*Unesco*, b'mezz tal-Gvern, biex igħin għall-pubblikazzjoni tiegħu.

Dan l-aħħar fl-okkażjoni tal-kommemorazzjonijiet ċentinarji ta' Dante, Robert Mifsud Bonnici ippubblika studju partikulari dwar id-'Divina Commedia', li hu ta' għajnuna għall-istudjużi tal-poeżija Danteska.

Fost il-manuskritti li ħalla ta' min isemmi r-rumanz *Agrippa, Ġuda minn Karioth*, id-*Divina Commedia* parafriżata taħt forma popolari, u l-*Ħajja letterarja tiegħu* f'20 volum.

Bhala apprezzament tal-kitba reliġjuża u morali tiegħu, li tagħha fl-imġiba tiegħu, ta l-isbaħ xhieda eżemplari matul il-ħajja tiegħu, ismu ġie mżejjen, wara mewtu, bl-onorifiċenza ta' *Pro Ecclesia et Pontifice*, f'ċerimonja li saret fit-3 ta' Frar, fit-Teatru ta' l-Università Rjali, taħt il-presidenza ta' l-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof Mons. M. Gonzi, bil-kooperazzjoni ta' l-Akkademja tal-Malti.

*a.c.*